

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Jannar 2017 – ACDA et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-242/15) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Estensjoni tat-tul tal-konċessjonijiet — Pjan ta' stimulu tal-awtostradi fit-territorju Franċiż — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Assoċjazzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Att regolatorju li jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni — Inammissibbiltà”)**

(2017/C 070/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Automobile club des avocats (ACDA) (Pariġi, Franza), Organisation des transporteurs routiers européens (OTRE) (Bordeaux, Franza), Fédération française des motards en colère (FFMC) (Pariġi), Fédération française de motocyclisme (Pariġi), Union nationale des automobile clubs (Pariġi) (rappreżentant: M. Lesage, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u R. Sauer, aġenti)

**Suġġett**

Rikors taħt l-Artikolu 263 TFUE intiż li jikseb l-annullament tad-Deċiżjoni C(2014) 7850 finali tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Ottubru 2014, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.2014/N 38271 – Franza – Pjan ta' stimulu tal-awtostradi.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent tar-Repubblika Franċiża.
- 3) L-Automobile club des avocats (ACDA), l-Organisation des transporteurs routiers européens (OTRE), il-Fédération française des motards en colère (FFMC), il-Fédération française de motocyclisme u l-Union nationale des automobile clubs għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbatl l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 236, 20/7/2015.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2016 – MS vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-435/16)

(2017/C 070/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: MS (Castries, Franza) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara r-rikors preżenti ammissibbli u fondat;

konsegwentement,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' ħahda ta' komunikazzjoni tad-data ta' natura personali li tirrigwarda lir-rikorrent, adottata fis-16 ta' Ġunju 2016;

— tordna l-kumpens għad-dannu morali li jirriżulta mill-aġir li jikkawża preġudizzju min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 20 000;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102) u, b'mod partikolari, tal-Artikoli 8, 13 u 20 tiegħu. Ir-rikorrent isostni wkoll il-ksur tad-dritt fundamentali ta' aċċess għad-data personali u tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, kif ukoll il-ksur tal-prinċipji tad-drittijiet tad-difiża, tal-opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. Id-deċiżjoni kkontestata għandha barra minn hekk titqies li hija vvizzjata b'motivazzjoni irregolari u infondata. Dawn l-illegalitajiet kollha jikkostitwixxu nuqqasijiet tali li kkawżaw dannu reali u ċert lir-rikorrent.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2016 – PJ vs EUIPO – Erdmann & Rossi (Erdmann & Rossi)**

(Kawża T-664/16)

(2017/C 070/31)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: PJ (rappreżentant: B. Schürmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Erdmann & Rossi GmbH (Berlin, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Erdmann & Rossi" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 10 310 481

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2016 fil-Każ R 1670/2015-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;